**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Lulju 2021

Rikors Numru: 25/2018 AL

**A B u b'digriet tal-4 ta' Frar 2021 il-kunjom ġie mibdul għal B C**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku,**

**D E u b'digriet tas-27 ta' Frar 2018 ġiet nominata bħala Kuratur Deputat sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri F B, u**

**B'digriet tal-21 ta' Mejju 2018 ġie msejjaħ fil-kawza G H**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

---

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-intiata, D E;*

2. *Illi tul din ir-relazzjoni, nhar id-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled il-minuri F B u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

3. *Illi l-imsemmi minuri gie rregistrat b'kunjom l-esponent hekk kif jidher fic-certifikat tat-twelid anness;*

4. *Illi l-esponent ghamel testijiet xjentifici u genetici sabiex jikkonferma jekk huwa huwiex il-missier naturali u bilogiku tal-imsemmi F B, hekk kif jidhe mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

5. *Illi mit-testijiet xjentifici u genetici riferiti, irrizulta b'mod car u b'mod inkonfutabbli li l-esponent mhuwiex l-missier naturali u biologiku tal-minuri, F B;*

6. *Illi ghalkemm, il-minuri F B fic-certifikat tt-twelid suriferit bhala Dok'A' huwa rregistrat fuq isem l-esponent, bhala l-missier, l-esonent jixtieq jichad il-paternita' tal-istess minuri.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-esponent m'huwiex il-missier naturali tal-minuri, F B;*

2. *Tordna lid-Dirttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri F B il-konnotat tal-attur u dan mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-professjoni jew sangha tal-attur, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-esponenti, kif ukoll isem u kunjom missier l-esponent u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba, u jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegweni;*

3. *Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fejn talab lill-Qorti jogħġobha taħtar kuratur *ad litem* sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-minuri F B,[2] u kif ukoll in-nota tal-konvenuta D E li permezz tal-istess aċċettat il-bandu u ddikjarat li tixtie tidher hi bħala kuratriċi *ad litem* għal binha minuri.[3] B'hekk u permezz ta' digriet datat 27 ta' Frar 2018, il-Qorti ikkonfermat lill-istess D E bħala kuratriċi *ad litem* għal binha minuri u dan għall-finijiet kollha tal-liġi;[4]

Rat ir-risposta ġuramentata ta' D E,[5] fejn eċċepiet:

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju illi jiġi msejjaħ fl-kawza ċertu G H, il-persuna li miegħu l-esponenti kellha relazzjoni intima fiz-zmien illi ġie konċepit il-minuri F B.*

2. *Fit-tieni lok, l-intimata tirrileva li huwa minnu li hi u l-attur kienu f'relazzjoni flimkien għal diversi snin. Kien tul din ir-relazzjoni illi fid-9 ta' Lulju 2008 twieled il-minuri F B.*

3. *L-intimata tirrileva illi kien biss wara li saru t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li ġie kkonfermat li A B ma kienx missier F B.*

4. *Fl-aħħar lok, l-intimata wisq tissusspetta illi l-missier naturali u bijoloġiku ta' F B huwa l-imsemmi G H, li miegħu fiz-zmien li ġie konċepit il-minuri F, l-esponenti kellha relazzjoni. Dan is-suspett pero' jista' biss jiġi kkonfermat jekk isiru testijiet xjentifiċi ulterjuri.*

5. *Għal dan il-għan l-intimata sejra tirrimetti ruħha għall-provi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u għas-savju ġudizzju ta' di l-Onorabbli Qorti.*

---
[2] Fol. 12.
[3] Fol. 9.
[4] Fol. 8.
[5] Fol. 24.

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

7. *L-intimata taf b'dawn il-fatti personalment.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[6] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti teċċepexxi illi r-rikorent ma ddikjarax taħt liema artikolu qed isejjes din il-kawża istanti. Għaldaqstant l-esponenti hija tal-umli fehma, illi jkun ta' benefiċċju illi r-rikorrent jiddikjara taħt liema artikolu ġiet ippreżentata din l-azzjoni, salv pero' illi l-esponenti tirriżerva d-dritt li tissolleva eċċezzjoniiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti kif ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi stante s-suespost, l-esponenti ħadet konjizzjoni tat-Test Ġenetiku, li ġie ppreżentat mar-rikors ġuramentat (mmarkat bħala Dok 'B') u għaldaqstant tirrimetti ruħha rigward il-mertu tal-azzjoni odjerna, salv illi l-istess Rapport tat-Test Ġenetiku jiġi maħluf mit-tekniku;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, għandu ukoll jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponenti u għaldaqstant hija ma għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

---

[6] Fol. 34.

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawza G H,[7] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi preliminarjament l-intimat jinnega li huwa kien konviventi mal-konvenuta D E u kelli biss relazzjoni sesswali maghha b'mod okkazzjonali;*

2. *Illi l-konvenuta E qatt ma kellmitu jew interprellatu li minn ir-relazzjoni okkazjonali huma kellhom tarbija jew wild tant li l-istess konvenuta kif ukoll ir-rikorrenti A B ghamlu d-dikjarazzjoni ta' twelied ta' tarbija F B quddiem id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;*

3. *Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas*-*sueccepit, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, il-konvenut m'ghandux jbghati l-ispejjez tal-kawza odjerna peress illi l-intimat qatt qabel ma giet ipprezentata din il-kawza ma kien affaccjat mill-konvenuta E bit-talba sabiex jaghraf lill-minuri F B bhala ibnu;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F B, bin-numru progressiv 2341 tas-sena 2008;[8]

Rat in-nota maħlufa minn Dr Marisa Cassar datata 29 ta' Ottubru 2018,[9] fejn ġie anness l-affidavit tagħha stess u kif ukoll ir-rapport xjentifiku rigward il-paternita' ta' F B, redatt minnha stess fejn ġie kkonfermat illi A B C ma huwiex il-missier naturali ta' F B;

Rat in-nota maħlufa minn Dr Marisa Cassar datata 10 ta' Lulju 2019,[10] fejn ġie anness l-affidavit tagħha stess, fotokopji tal-karti tal-identita' ta' D E u G H, ritratt tal-minuri F B, u kif ukoll ir-rapport xjentifiku rigward il-paternita' tal-minuri F B, redatt minnha stess fejn ġie kkonfermat illi G H huwa l-missier naturali ta' F B;

[7] Fol. 46.
[8] Fol. 10.
[9] Fol. 54.
[10] Fol. 63.

Rat l-affidavit tal-attur A B C;[11]

Rat in-nota ta’ G H bid-dettalji kollha tiegħu;[12]

Rat illi fl-udjenza ta’ nhar il-4 ta’ Frar 2021, ġie ddikjarat mill-konvenuta illi l-minuri għandu jassumi kunjomha u ċjoe’ *‘E’*;[13]

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza in difett ta’ ostakolu għal-lum.[14]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-missier, jew aħjar minn raġel li għal numru ta’ snin kien maħsub li huwa l-missier, għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri F B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri huwa rreġistrat bħala ibnu, dan m’huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu. Għalhekk permezz ta’ din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

**2. Il-Prinċipji Legali:**

Il-Qorti rat is-Subtitolu III tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda barra iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 99, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dana jistipula:

[11] Fol. 76.
[12] Fol. 79.
[13] Fol. 94.
[14] Fol. 98.

*"L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*"

### 3. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

Il-fatti saljenti għall-kaz odjern huma s-segwenti:

i. L-attur u l-konvenuta D E kienu f'relazzjoni minn Lulju 2000;
ii. Għal ħabta ta' Ottubru 2007, il-konveuta għarfet lill-attur li kienet qiegħda tistenna tarbija u huwa kien il-missier;
iii. L-attur jikkontendi li hekk kif sar jaf li l-konvenuta kienet qiegħda tistenna tarbija minn tiegħu, huwa beda jaħdem ħafna u jġemma l-flus sabiex jixtri fond sabiex imorru jgħixu fih bħala familja;
iv. Ġie ddikjarat ukoll li l-attur qatt ma ssuspetta li l-konvenuta kienet gidbitlu jew qarqet bih, u b'hekk ma kellux dubji li din seta' kellha relazzjoni ma' ħaddieħor;
v. Meta twieled il-minuri, l-attur għaraf lil minuri bħala ibnu b'mod uffiċċjali;
vi. Wara tmien snin li twieled it-tifel, l-attur sab messaġġ fuq iċ-ċellulari tal-konvenuta mibgħut lilha minngħand ex-kollega tal-konvenuta stess, fejn kien hemm miktub *"jien ma nafx kif A qed irabbi tifel mhux tieghu u ma tibzax? Jibza min ghandu x'jitlef Jess!"*;
vii. Hekk kif l-attur ikkonfronta lil konvenuta, din bdiet tibki u iddikjarat miegħu li ma kienetx taf min kien missier il-minuri, izda hekk kif l-attur baqa' jippersisti din ikkonfessat li missier il-minuri kien G H, il-ġar tal-ġenituri tagħha;
viii. Wara ftit zmien, sar test ġenetiku fejn irrizulta illi l-minuri ma kienx iben l-attur u b'hekk ġiet intavolata din il-kawza sabiex l-attur ma jibqgħax imnizzel u ddikjarat bħala missier il-minuri.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba tal-attur hija msejsa fuq Artikolu 99 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tagħti lok għal *denegata paternita'*. Il-konvenuta D E ssollevat l-eċċezzjoni preliminari fejn talbet li jiġi kjamat fil-kawza G H, filwaqt li rrimettiet ruħha għad-deċizjoni tal-Qorti. Min-naħa l-oħra, il-konvenut G H filwaqt li jikkonferma

li kellu relazzjoni sesswali ma' D E, huwa jirrileva li qatt ma kien infurmat illi huwa jista' jkun il-missier naturali tal-minuri li weldet D E. Magħdud ma' dan, id-Direttur tar-Reġitru Pubbliku ssolleva numru ta' eċċezzjonijiet li jridu jiġu trattati.

B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li tirrigwarda l-kwistjoni li l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed jippernja l-azzjoni odjerna, liema eċċezzjoni ġiet sorvolata fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2018 fejn ġie ddikjarat illi l-kawza ġiet ibbazata fuq Artikolu 99 u 100 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant ma hemmx iktar lok li din il-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija eċċezzjoni.

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta D E, fejn talbet lill-Qorti sabiex jiġi kjamat fil-kawza G H, jirrizulta li tali eċċezzjoni ukoll ġiet sorvolata hekk kif fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2018 il-Qorti laqgħat tali eċċezzjoni. Madanakollu, il-Qorti ser tipprovdi dwar l-irwol tal-kjamat fil-kawza iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti rat iz-zewġ affidavits ta' Dr Marisa Cassar ipprezentati u debitament maħlufa nhar id-29 ta' Ottubru 2018 u 10 ta' Lulju 2019, fejn ikkonfermat illi ħadet kampjun orali ta' D E, A B C, F B u G H, fejn irrizulta illi A B C, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117182M, ma huwiex il-missier naturali ta' F B, izda rrizulta li l-missier naturali tal-imsemmi minuri huwa G H, detentur tal-karta tal-identita' 533380M.

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra. It-test xjentifiku fejn ġie elevat kampjun minn fuq l-attur ġie kkonfermat bil-ġurament u konsegwentament jelimina kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li F B m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-attur. Għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet kif dedotti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tixtieq tissottolineja illi ġie pprezentat lilha rizultat ta' test ġenetiku li jistabbilixxi li l-missier naturali tal-minuri huwa G H. Il-Qorti tinnota illi l-attriċi fl-ebda stadju ma talbitha, anke permezz ta' xi kontrotalba

appożita, sabiex l-imsemmi G H ikun iddikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku ta' binha F B, u dan minkejja li talbet illi dan ikun ikkjamat fil-kawża. Il-Qorti tfakkar illi *"Kif ampjament jirrizulta mill-gurisprudenza nostrali l-principji guridici in materia jipprovdu li: (i) Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita; (ii) hemm l-extra petita jew l-ultra petita meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur iktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata"*.[15]

Għaldaqstant il-Qorti hija prekluza milli tiddeċiedi kwistjonijiet oħra li għalihom ma ġietx ifformulata talba speċifika u b'applikazzjoni ta' dan għal kaz odjern, il-Qorti hija limitata li tiddeċiedi biss dwar il-kwistjoni ta' *denegata paternita'*, u l-kwistjoni ta' rikonoxximent tal-minuri għandha ssir bi proċedura *ad hoc* in vista li l-konvenuta ma utilizzatx ir-rimedji disponibbli lilha li setgħu jiġu utilizzati fil-proċeduri istanti. Magħdud ma dan, il-Qorti tissottolineja ukoll illi a kuntrarju ta' sitwazzjonijiet li jirrigwardaw is-setgħa tal-ġenitur,[16] il-Qorti ma għandha l-ebda diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw il-filjazzjoni tal-ulied. B'hekk il-Qorti tissolleċita lill-omm ossia lill-konvenuta D E sabiex taġixxi fl-aħjar interess tat-tifel u tagħmel dak li huwa neċessarju biex iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jkun jirrifletti din il-verita` u biex il-minuri jkun magħqud ma' missieru naturali u bijoloġiku.

B'referenza għar-raba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan fir-rigward tal-kunjom li għandu jassumi l-minuri, il-Qorti tara illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2021, il-konvenuta infurmat lill-Qorti li l-minuri għandu jassumi kunjomha. Wara li l-Qorti evalwat Artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi odjerni l-minuri ma għandux għazla oħra ħlief li jassumi kunjom ommu, ossija *'E'*.

## DEĊIDE:

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tipprovdi hekk kif ġej:

[15] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ronald Agius et vs Paul Portelli**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu 2007.
[16] Ara Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili.

1. Tiddikjara illi l-attur A B C ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku ta' F B imwieled lill-konvenuta D E nhar id-9 ta' Lulju 2008;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid ta' F B li jġib in-numru progressive 2341 tas-sena 2008, u dan billi l-konnotati kollha tal-attur A B C, filwaqt li jdaħħal il-kliem *"missier mhux magħruf"*; tordna ukoll illi l-minuri għandu jassumi l-kunjom *'E'*;

3. Tilqa' it-tielet talba.

Bl-ispejjez, inkluz tat-testijiet ġenetiċi, għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta D E.